# IR-RITORN TAL-MADONNA LEJN IS-SANTWARJU TAGĦHA MILL-FURJANA FL-1951

Il-Ħadd 1 ta' Lulju, il-Madonna ttieħdet mill-ġdid mill-Knisja Parrokkjali ta' San Publiju għall-Bażilika Santwarju tagħha tal-Belt proċessjonalment. Ħadu sehem f'din il-proċessjoni, barra l-Patrijiet Karmelitani, it-Terzjarji Karmelitani u l-Fratelli tal-Karmnu u ta' San Ġużepp li huma mwaqqfin fl-istess Bażilika tal-Karmnu tal-Belt. Kien veru trijonf għall-Madonna. Mill-knisja ta' San Publju sas-Santwarju tal-Karmnu, t-triqat minn fejn għaddiet il-purċissjoni, kienu maħnuqin bin-nies. Il-purċissjoni għamilha l-W.R.P. Provinċjal Bernard Farrugia, Ph.D., O.Carm. Qabel ma ħarġet l-istatwa mill-knisja ta' San Publju, il-patrijiet Karmelitani, kantaw *Salve Regina* u l-antifona *Flos Carmeli* b'kant Gregorjan; u meta daħlet fis-Santwarju reġgħu kantaw is-*Salve Regina*, Litanija, *flos Carmeli*, u nghatat il-Barka Sagramentali.

















